MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru 286/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Jeffrey Pulis

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 312482(M) li hu akkuzat talli:

1. fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 t’April, 2007, ghal habta ta’ bejn is-2:45 u t-3.30 ta’ filghodu, filwaqt li kien fil-pompa tal-petrol imsemmija ‘St. Rita service station’, li tinsab fi Triq ‘Tal-Barrani’, gewwa Hal Tarxien, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè dak ta’ serq ta’ flus kontanti mill-magna li tiehu l-flus, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, ghad-dannu ta' Michael Azzopardi minn Marsaxlokk u dana bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 t'April, 2007, ghal habta ta' bejn is-2:45 u t-3:30 ta' filghodu, filwaqt li kien fil-pompa tal-petrol imsemmija 'St.Rita service station', li tinsab fi Triq 'Tal-Barrani', gewwa Hal Tarxien, ikkawza hsarat volontarji fuq il-magna li tiehu l-flus, liema hsara teccedi l-Lm500, ghad-detriment ta' Michael Azzopardi minn Marsaxlokk u dana bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fil-pompa tal-petrol imsemmija 'St.Rita service station', li tinsab fi Triq 'Tal-Barrani', gewwa Hal Tarxien, u gewwa t-Triq 'Tal-Barrani', Hal Tarxien, saq il-vettura tal-ghamla BMW, mudell 316, bin-numru tar-registrazzjoni: EAN-594, b'manjiera perikoluza u b'velocità eccessiva u dana bi ksur tal-Artikolu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tal-10:00 ta' filghaxija, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda tal-Madonna ta' Lourdes, li jinsab fi Triq il-Gdida, gewwa Rahal Gdid, dolozament, bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lewis Briffa, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi hebb ghaliha permezz ta' arma taqta' u bil-ponta (sikkina), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volontà tieghu;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda tal-Madonna ta' Lourdes, li jinsab fi Triq il-Gdida, gewwa Rahal Gdid, volontarjament ikkawza, griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lewis Briffa, skond kif iccertifikat minn Dr. M. Abela M.D. (Warrant Mediku Nru.1852) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr. Andrew Depasquele M.D., it-tabib ta' l-Emergenza tal-Isptar San Luqa;

6. fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gie ipprovokat, ingurja lil Lewis Briffa minn Rahal Gdid, b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur tal-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' Lewis Briffa sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Lewis Briffa bi kliem u dana bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-istess data, hin u lok, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
12. fl-istess data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu sikkina fil-hin li wettaq l-imsemmija reati;
13. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor bizà li se tintuza vjolenza u dana bi ksur tal-Artikolu 251(B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tal-11:30 ta' bil-lejl, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda Fra Antoine De Paule, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, qal kliem ta' theddid fil-konfront ta' Lewis Briffa minn Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tal-11:30 ta' bil-lejl, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda Fra Antoine De Paule, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, qal fil-pubbliku kliem oxxen u indicenti u dana bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
16. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tal-11:30 ta' bil-lejl, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda Fra Antoine De Paule, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u u dana bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
17. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tal-11:30 ta' bil-lejl, filwaqt li kien gewwa l-kazin tal-banda Fra Antoine De Paule, li jinsab fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal

Gdid, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
18. fl-istess data, hin u lok, kellu fil-pussess tieghu sikkina fil-hin li wettaq l-imsemmija reati.
19. data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor bizà li se tintuza vjolenza u dana bi ksur tal-Artikolu 251(B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
20. nhar is-7 ta' April, 2007, ghal habta tad-9:00 ta' filghaxija, filwaqt li kien fi Triq l-Arkata, gewwa Rahal Gdid, saq il-vettura tal-ghamla BMW, mudell 316, bin-numru tar-registrazzjoni: EAN-594, b'manjiera perikoluza u b'velocità eccessiva u dana bi ksur tal-Artikolu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi.

Il-Qorti mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Jeffrey Pulis u dan skond kif inhu mitlub fl-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-vettura tal-ghamla BMW, mudell 316 u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: EAN-594 u dana skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat kostantament jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjonijiet insista anka wara li l-Qorti f'kull ammissjoni tieghu taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat il-verbal tat-30 ta' Lulju, 2008.

Rat iz-zewg rapporti prezentati mill-Ufficcjal tal-Probation.

Rat l-Artikolu tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu biex il-kawza tigi trattata sommarjament.

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

- b'attentat ta' serq aggravat bil-mezz, valur u hin;
- b'attentat ta' ferita gravi;
- li kkaguna ferita ta' natura hafifa;
- li nissel biza f'terza persuna li ser tintuza vjolenza kontra taghha;
- li ghamel hsara volontarja fuq propjeta` ta' terzi;
- li qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku u volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
- li ghamel uzu ta' numru ta' identita` divers minn dak li li moghti lilu mill-Awtorità dwar it-Trasport;
- li saq vettura bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz;
- li kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta konsistenti f'sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
- li hu recidiv.

Illi ta' dawn l-akkuzi kollha l-imputat irregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa ppersista kostantement ukoll wara li l-Qorti f'kull okkazzjoni taghtu zmien jirrikonsidra.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hi tal-fehma li tapplika, fejn hu applikabbli, li l-imputat jaghmel u jirrendi xoghol ghall-komunita`. Ghal dan il-fini l-Qorti ghandha l-kunsens tal-

imputat u r-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation. Din il-misura l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadottha minflok piena karcerarja. Apparti din il-misura però l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat multa ta' 100 euro, tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall tlett xhur mil-lum u qeghda tordna l-konfiska tal-vettura BMW numru ta' registrazzjoni EAN 594 dana wara li rat il-fedina penali tal-imputat u rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(3), 279, 280(2), 281(a), 214, 216, 217, 221, 251B, 325(1), 338(bb)(dd), 339(1)(d)(e), 17, 23, 31, 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65, l-Artikolu 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap 480 u l-Artikolu 11 tal-Kap 446.

Mhix tal-fehma li ghandha wkoll tadotta xi provediment taht l-Artikolu 382 A et seq jew ukoll l-Artikolu 412C tal-Kap 9 izda fuq l-iskorta tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tikkundanna lill-imputat li jhallas in linja ta' kumpens lill-danneggjat Michael Azzopardi 100 euro pagabbli 50 euro fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' dan ix-xahar u f'kull xahar sussegwenti u konsekuttivi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------